MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI
IT-TMIEN LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 13

1 ta' Ġunju 2020

Minħabba l-Covid-19 u skont Ċirkulari 5 tal-2020 maħruġa mid-Dipartiment għall-Gvern Lokli, il-laqgħa tal-Kunsilli Lokali Ħal Qormi inżammet permezz ta' ZOOM Video Conference.

PREŻENTI:

Renald Falzon – Sindku
Dr Josef Masini Vento – Viċi Sindku
Jerome Caruana Cilia - Kunsillier
Donnha Barbara – Kunsillier
Ralph Puli – Kunsillier
Daniel Ablett - Kunsillier
Carmelo Cuschieri – Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Dr Sean Apap Meli – Kunsillier
Martina Grech - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

George Muscat – Kunsillier

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Renald Falzon ippresjeda l-laqgħa.

## 13.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

13.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier George Muscat u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

## 13.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

13.2.1 **Is-Sindku Renald Falzon** ppreżenta l-Minuti ta' Seduta 12, li kienu ċċirkulati lill-membri permezz ta' email, għall-approvazzjoni.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ssekonda.

Il-Minuti għal Seduta Nru 12 ġew approvati b'mod unanimu.

## 13.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

13.3.1 Is-Sindku Renald Falzon infurma li se jinbeda eżerċizzju ta' verifika tal-bejjiegħa tal-monti, sabiex jiġi identifikat min għadu jarma u min m'għadux.

13.3.2 Is-Sindku Renald Falzon infurma li bdew diskussjonijiet mal-Perit tal-Kunsill sabiex jiġu ppreparati pjanti ġodda għal ristrutturar ta' Ġnien iż-Żgħożija u ntalbu wkoll it-tender specifications sabiex tinħareġ it-tender għal Reconstruction Works of Misraħ iż-Żebbuġ'.

13.3.3 Is-Sindku Renald Falzon infurma li bħalissa qed jiġu ppreparati wkoll il-pjanti għall-upgrading ta' Ġnien De la Cruz u Pjazza Federico Maempel.

13.3.4 Is-Sindku Renald Falzon infurma li fil-ġranet li għaddew, il-Ministru għall-Ambjent ħabbar l-iffinanzjar ta' bini ta' Ġnien ġdid fiz-zona Ta' Farżina, liema proġett qed jiġi stmat li jiswa' €190,000.

13.3.5 Is-Sindku Renald Falzon infurma li b'referenza għal-talba li kellu sabiex jingħalaq l-aċċess mill-vetturi li jgħaddi minn Triq il-Kbira għal Triq San Pietru, l-Kunsill bagħat ittra ta' nformazzjoni lir-residenti, fejn kellu feedback ta' 3 residenti biss. Il-Kunsill qabel li jressaq il-proposta għad-deċiżjoni ta' Transport Malta.

Is-Sindku Renald Falzon infurma li l-kuntrattur il-ġdid tal-manutenzjoni u żamma ta' ġonna beda u jidher li x-xogħol għaddej b'ritmu tajjeb.

## 13.4 Annual Administrative Report 2019

13.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet ippreżentat l-Annual Administrative Report għas-sena 2019, liema rapport ġie ċċirkulat lill-membri permezz ta' korrispondenza elettronika.

Il-Kunsillier Marvin Zammit talab li dan ir-rapport jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss, sabiex ikun possibli għall-membri li jarawh u jgħaddu l-kummenti tagħhom.

Is-Sindku approva li dan ir-rapport jiġi diskuss fis-seduta li jmiss.

## 13.5 Mozzjonijiet

### 13.5.1 Mozzjoni nru 47 imressaq mill-Kunsillier Dr Sean Apap Meli

*Nipproponi li l-Kunsill jalloka 3,000 ewro sabiex isir festin għall-anzjani u dan sabiex jiġi mħallas it-trasport u kif ukoll l-ikel flimkien ma' entertainment. Dan sabiex meta l-awtoritajiet inaqqsu r-restrizzjonijiet tal-Covid 19 inkunu nistgħu nagħmlu din l-attivita' għalihom*.

**Is-Sindku Renald Falzon** issekonda l-mozzjoni.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** spjega li minħabba l-fatt li din is-sena mhux se jsiru l-festini li jiġu organizzati fil-ġranet taż-żewġ festi tal-lokalita', ssir attivita' waħda li tgħaqqad lil kulħadd.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** qal li huwa mportanti li dawn l-attivitajiet jiġu pjanati u mdaħħla fil-budget annwali.

**Ivvutaw Favur Għaxar Kunsilliera (10**) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni

### 13.5.2 Mozzjoni nru 48 imressaq mill-Kunsillier Dr Sean Apap Meli

*Nipproponi li l-Kunsill jibda jahseb sabiex tul ix-xhur tas-sajf u ta' wara jibdew jigu ppreparati affarijiet relatati ta' tizjin tal-milied ghal gonna f' Hal Qormi li tal-anqas dawn isiru, fi Pjazza Federico Meample u Vjal De La Cruz.*

**Is-Sindku Renald Falzon** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar Kunsilliera (10**) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**13.5.3 Mozzjoni Nru 49 imressqa mill-Kunsillier Jerome Caruana Cilia**

*Billi bħala Kunsill Lokali għandna obbligu li nieħdu ħsieb il-benesseri tar-residenti. Billi bħala Kunsill Lokali jeħtieġ li nsaħħu s-sens ta' komunità u nkomplu nippromwovu l-kunċett ta' ċittadinanza attiva fil-Belt Pinto. Billi bħala Kunsill Lokali fid-dmir li jkollna ambjent aħjar sabiex intejbu l-kwalità tal-ħajja tar-residenti.*

*Wara li kellmuni numri ta' residenti, nipproponi li:*
*- jitwaqqaf fond li minnu l-Kunsill Lokali jixtri pjanti / siġar / żerriegha sabiex jingħaddew lir-residenti ħalli jutilizzawhom fi spazji pubbliċi.*

*- parti mill-fond jintuza' sabiex issir kompetizzjoni bejn ir-residenti Qriema dwar min issebbaħ bl-aħjar mod (bl-użu ta' fjuri, pjanti etc...) il-faċċata tad-dar / appartamenti, triq, ġnien jew traffic island etc...*

*- jitwaqqaf kumitat li jieħu ħsieb il-loġistika marbuta ma' din il-kompetizzjoni. Dan il-kumitat jirrapporta dejjem lill-membri tal-Kunsill Lokali u jaħdem id f'id mas-Segretarju Eżekuttiv*.

Is-Sindku Renald Falzon ssekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar Kunsilliera (10**) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**13.5.4 Mozzjoni Nru 50 imressqa mill-Kunsillier Donnha Barbara**

*Kif approvat f'Mozzjoni Nru 4, nipproponi li l-Kunsill japprova n-nefqa ta' € 1900 (+VAT) sabiex jibda jinħadem il-Proġett edukattiv favur l-ambjent, li jinvolvi Cartoon Character Creation u Animated video ta' żewġ minuti.*

**Is-Sindku Renal Falzon** issekonda l-mozzjoni.

**Is-Sindku Renald Falzon** semma' l-fatt li huwa mportanti li l-Kunsill ikun ikkonsultat dwar l-għażla tal-karattru qabel jiġi ffinalizzat.

**Is-Sindku Renald Falzon** infurma li għal dan il-proġett xtaq jinvolvi lill-iskejjel. Il-Kunsillier Martina Grech talbet li tkun involuta f'dan il-proġett.

Il-Kunsill qabel li tinħareġ Expression of Interest/quotation għal dan is-servizz.

## 13.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

13.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda l-iSkeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' April 2020.

Il-Viċi Sindku Dr Josef Masini Vento ppropona l-approvazzjoni tal-ħlasijiet.

Il-Kunsillier Daniel Ablett issekonda.

Il-Kunsill approva l-iSkeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Mejju 2020.

## 13.7 Rapporti ta' Sotto Kumitati

13.8.1 **Il-Kunsillier Ralph Puli** ġibed l-attenzjoni dwar is-sitwazzjoni ta' periklu li hemm fi Triq San Bastjan u Triq San Pietru minħabba li l-pavimentar jiżloq ħafna u talab kjarifika mingħand il-Perit sabiex jgħid kif approva li jintuża dan il-materjal u jgħaddu l-vetturi minn fuqha.

**Is-Sindku Renald Falzon** infurma li mill-bidu tal-leġislatura bdew diskussjonijiet ma' kumpanija privata sabiex tagħtina stima, fejn jidher li hemm spiża massiċċa għaliex s'issa l-istima miġbura tiswa madwar €35/m$^2$. Is-Sindku nfurma li se ssir prova taż-żebgħa fi Triq San Pietru.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** staqsa, f'każ li jinqala' nċident min se jkun liable.

**Is-Segretarju Eżekuttiv** infurmat li l-Perit xogħlu huwa li jiċċertifika li x-xogħol isir sew u mhux x'materjal jintuża, għaliex din hija deċiżjoni tal-Kunsill. Fil-każ li alla ħares qatt jinqala' nċident, il-Kunsill huwa *liable*.

Wara diskussjoni bejn il-membri ġie maqbul li ssir prova u nistaqsu għal garanzija.

13.8.2 Il-**Kunsillier Ralph Puli** infurma li hemm diffikultajiet ta' parkeġġ fi Triq il-Milied u talab li ssir tabella sabiex ma jgħaddux vetturi kbar. Is-Sindku nfurma li din l-issue nqalgħet minħabba żvilupp privat li qed isir fl-istess triq.

13.8.3 **Il-Kunsillier Martina Grech talbet li tkun skużata u ħarġet mil-laqgħa dis-7.35p.m.**

13.8.4 **Is-Sindku Renald Falzon** infurma li matul din il-ġimgħa kien hemm każ dwar rimi ta' skart fis-service road ta' Triq l-Imdina. Is-Sindku nfurma lill-membri li wasal fi ftehim mal-kuntrattur responsabbli mill-ġbir ta' skart sabiex mill-ġimgħa d-dieħla jibda' jiġbor il-borża tal-organic, l-ewwel ħaġa filgħodu.

Is-Segretarju Eżekuttiv ipproponiet li l-Kunsill jibda' jaħdem fuq kampanja edukattiva fejn tinfurma lir-residenti bir-responsabbiltajiet tal-Kunsill u ta' entitajiet differenti, eżempju 'Kont taf li.....' Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.

13.8.5 **Il-Viċi Sindku Dr Josef Masini Vento** talab li l-pjanti eżistenti fuq iz-zuntier tal-Kappella ta' San Franġisk jitneħħew. Is-Sindku nfurma li se jkun qed isir eżerċizzju ta' tibdil ta' xtieli.

13.8.6 **Il-Viċi Sindku Dr Josef Masini Vento** talab li titneħħa tabella ta' 10km/hr eżistenti fi Triq il-Blata direzzjoni Triq il-Wied.

13.8.7 **Il-Viċi Sindku Dr Josef Masini Vento** talab li ssir tabella No Heavy Vehicles fi Pjazza San Franġisk. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li din it-tabella ilha nstallata.

13.8.8 **Il-Viċi Sindku Dr Josef Masini Vento** talab li jsir tindif tar-rainwater culvert bil-powerwash fi Triq il-Wied, Triq il-Ħammieri u Triq Dun Marju/Triq Aloisio.

13.8.9 **Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** nfurma li r-residenti ta' Triq il-Belt Valletta, bejn it-tower crane u Zammit Nurseries isiru double yellow lines. Is-Sindku nfurma li Transport Malta m'approvatx li jsiru.

13.8.10 **Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** nfurma dwar parkeġġ illegali fi Triq il-Vitorja.

13.8.11 **Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** nfurma dwar parkeġġ illegali fi Triq l-Imdina.

13.8.12 **Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** nfurma li l-parking sensors ta' Triq il-Ġdida mhux jaħdmu sew.

13.8.13 **Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** nfurma li qed ikun hemm ħafna skart mormi fi Triq il-Vitorja.

13.8.14 **Il-Kunsillier Marvin Zammit** talab li jsir tindif ta' rainwater culvert ta' Triq San Edwardu k/m Triq Guze Muscat Azzopardi.

13.8.15 **Il-Kunsillier Marvin Zammit** staqsa kienx hemm xi żviluppi dwar il-proġetti li għandhom jitħallsu minn CenterParc. Is-Sindku Renald Falzon infurma li minħabba s-sitwazzjoni tal-Covid-19 id-diskussjonijiet twaqqfu. Is-Sindku Renald Falzon nfurma li l-Kunsill qed jipprepara l-istimi meħtieġa sabiex il-Kunsill ikun preparat bid-dokumenti kollha meħtieġa.

13.8.16 **Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** staqsa jekk hemmx xi ħsieb ta' proġett għar-roundabout ta' Pinto. Is-Sindku nfurma li jinsab f'diskussjonijiet ta' Infrastructure Malta sabiex flimkien jiġi diskuss l-aħjar proġett.

13.8.17 **Il-Kunsillier Carmelo Cuschieri** staqsa jekk il-bring-in sites li tneħħew minn Triq id-Deheb Fin hux se jsiru fi Triq is-Santwarju tal-Ħlas. Is-Sindku nfurma li dawn il-bins tneħħew u mhux se jerġgħu isiru.

13.8.18 **Il-Kunsillier Daniel Ablett** infurma li l-bypass tal-Imrieħel hemm ħafna siġar ħerġin mill-għelieqi. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li dan ir-rapport ġie mgħoddi għall-attenzjoni ta' Transport Malta, li hija l-awtorita' responsabbli minn din it-triq.

13.8.19 **Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** nfurma li attenda għall-Konferenza dwar il-Wellbeing, liema konferenza kienet interessanti ħafna.

13.8.20 **Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** nfurma lill-membri dwar rimi ta' skart illegali fi Triq San Pietru.

13.8.21 **Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** staqsa jekk Infrastructure Malta infurmat lill-Kunsill meta se jibdew ix-xogħlijiet fi Triq il-Kanun u Triq Dun Gwann Ċilia. Is-Sindku qal li sad-data tal-laqgħa l-Kunsill ma kellu l-ebda data, iżda se jkun qed jagħmel il-pressjoni meħtieġa sabiex jibdew ix-xogħlijiet, kif imwiegħed.

13.8.22 **Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** nfurma lill-membri dwar ħofor fuq il-bankini fi Triq Kardinal Xiberras u Triq Dun Ġwann Cilia.

13.8.23 **Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** talab li jiġu nstallati tabelli sabiex isir parkeġġ bl-exhaust pipe l' barra fi Triq Bellic.

13.8.24 **Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** talab li jsir repainting of markings fi Triq San Ewardu

13.8.25 **Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** talab li tiġi nstallata road hump fi Triq il-Vitorja, qrib il-Qormi Health Centre. Is-Sindku talab li tinġabar petizzjoni mingħand ir-residenti sabiex titressaq it-talba għall-attenzjoni ta' Transport Malta.

13.8.26 **Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** staqsa x'sar dwar il-problema tal-ilma li qed jidħol fi propjeta' privata fi Triq San Franġisk. Is-Sindku nfurma li din il-kwistjoni qed tiġi diskussa mal-Perit tal-Kunsill u qed nistennew l-istimi meħtieġa.

## 13.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

13.11.1 Il-laqgħa intemmet fit-8.30p.m. u ġiet aġġornata għat-Tnejn 6 ta' Lulju 2020 fis-6.30p.m..

Konfermati, illum 6 ta' Lulju 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Renald Falzon | Karen Camilleri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |